



Brussell, 19 ta' Marzu 2026

CM 2086/26

COAFR
CFSP/PESC
CSDP/PSDC
DEVGEN
MIGR
GLOBAL GATEWAY
ACP
POLCOM
COMER
CLIMA
DIGIT
ENER
COHAFA
PROCED

KOMUNIKAZZJONI

PROĊEDURA BIL-MIKTUB

Kuntatt:	coafr@consilium.europa.eu
Tel./Fax:	n/a
Suġġett:	Djalogu Ministerjali Niġerja-UE (23 ta' Marzu 2026, Abuja) - Abbozz ta' Komunikat Konġunt – Eżitu ta' proċedura bil-miktub

Id-delegazzjonijiet huma infurmati li l-proċedura bil-miktub, li nbdiel bid-dokument CM 2085/26 tat-18 ta' Marzu 2026, intemmet fid-19 ta' Marzu 2026 fis-14:00 u li d-delegazzjonijiet kollha qablu:

- li l-abbozz ta' Komunikat Konġunt għad-Djalogu Ministerjali Niġerja-UE jiġi approvat, kif jinsab fid-dokument ST 7398/26
- li jekk ikunu meħtieġa aktar aġġustamenti għall-istrument mhux vinkolanti, dan jista' jiġi adattat kif xieraq dment li l-bidliet ma jaffettwawx is-sustanza jew l-intenzjoni tat-test.

Għalhekk, il-Komunikat Konġunt ta' hawn fuq huwa approvat mill-Kunsill.

Id-dikjarazzjoni mill-Ungerija hija riprodotta fl-Anness ta' dan id-dokument CM.

Id-dikjarazzjoni ta' hawn fuq ser tiġi inkluża fis-sommarju tal-atti adottati bil-proċedura bil-miktub bħala dikjarazzjonijiet li għandhom jiddaħħlu fil-minuti tal-Kunsill, f'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill.

**Dikjarazzjoni Nazzjonali tal-Ungerija dwar id-Dikjarazzjoni Konġunta tat-Tmien Djalogu
Ministerjali UE-Niġerja**

L-Ungerija ma topponix l-adozzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta tat-Tmien Djalogu Ministerjali UE-Niġerja (f'Abuja, 23 ta' Marzu 2026) fl-ispirtu ta' kompromess u solidarjetà.

L-Ungerija mhijiex ser tqis it-test relatat mal-Ukrajna fil-paragrafu 6 bħala politika maqbula tal-Unjoni, li għaldaqstant ma għandux jiġi replikat bħala test maqbul f'dokumenti futuri tal-UE.